ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 43/07 – Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2015**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 19:20pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Assenti* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Performance Bonuses - :
   a. *Segretarju Eżekuttiv*
   b. *Uffiċċjal Eżekuttiv*
   c. *Skrivana*
   d. *Assistent Skrivan*
   e. *Ex Impjegata - Skrivana Denise Vella – 1/Jan/15 – 23/Ott/15*
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 42/07 ta' nhar **it-Tlieta 24 ta' Novembru 2015 fis-18:00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP kien għadu kollox status quo. Sadanittant il-Perit Chris Mintoff, waqt laqgħa miegħu u mas-Seg. Eżek. qal li kien ltaqa' mas-Sur Jimmy Vella l-MEPA u li dan saħansitra għalaqlu l-bieb biex ma jħallihx jgħaddi. Il-Perit żied jgħid li dak kollu li kien kiteb fir-Rapport kien lest li jgħidu taħt ġurament u żied jgħid ukoll li meta kien ħareġ il-kont kien għamlu taħt theddida. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Is-Sindku qal li kien kellem lill-Avukat tal-Kunsill biex jiċċekja mal-kuntratt tagħna biex naraw kif stajna nipproċedu peress li kollox kien wieqaf. Is-Sindku żied jgħid li għalkemm in-nies qed jgħidu li kollox wieqaf għax m'hemmx flus, dan mhux minnu għax issa weqfin minħabba pendenzi mal-kuntrattur. Hu kellu f'moħħu li jkellem lill-Perit sabiex jippreparalna lista ta' toroq bid-dettalji tal-ispejjeż.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li l-injam tal-gazebo ta' Ġnien Veliko Turnovo kollu qed jinqala. Dan suppost għandu garanzija ta' 10 snin. Issuġġerixxa li nibgħatu ittra bl-avukat lill-kuntrattur li kien ħa ħsieb ix-xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament. Att vandaliku Fi Ġnien Veliko Turnovo.

iii. Rigward il-Pannelli li saru fuq il-latrina pubblika, is-Sindku qal li fl-aħħar, ġew imqabbda mal-*grid*. Pannelli imqabbda mal-grid

iii.i Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet kelmet lill-Kumpanija li mingħandhom kienet inxtrat din il-camera sabiex titlobhom appuntament sabiex jiġu fuq il-post u jaraw x'hemm bżonn isir sabiex din il-camera tiġi mwaħħla fl-area ta' Ġnien Veliko Turnovo. Żiedet li s'issa kienet għad ma kelliex tweġiba. Camera fi Ġnien Veliko Turnovo

iv. Is-Sindku ssuġġerixxa li peress li l-kwotazzjonijiet li rċevejna fuq l-insurance qegħdin kollha fil-limitu ta' kwotazzjonijiet u li l-irħas kwotazzjoni għal sena li kienet waslet il-Kunsill kienet dik ta' Island Insurance Brokers f'isem MAPFRE INSURANCE AGENCY LTD, nissieħbu magħha għal-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill qabel unanimament. Insurance

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu reġgħu daħlu xi każijiet ġodda fuq talba għal rifużjoni ta' spejjeż fuq ħsarat fil-vetturi. Żied jgħid li l-Bord kien ser jiltaqa f'JANNAR. Ħsarat fuq vettuti u/jew tyres minħabba stat ta' toroq

v.i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li fir-rigward taż-żewġ każijiet antiki kienu ntbagħtu l-ittri fejn infurmajna lill-persuni konċernati li l-Kunsill b'mod unanimu ma laqax it-talba tagħhom.

vi. Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġab is-SENTENZA ORIĠINALI tal-Qorti u qal li l-kumpanija ITALGREEN kienu appellaw għaliex is-sentenza ma kenitx bit-taljan. Is-Sindku żied jgħid li sakemm dan l-appell jiġi appuntant huwa ma kienx lest li jħalli l-aħħarijiet jkomplu jiddeterjoraw u għalhekk kien ħa l-inizjattiva u kien kellem lis-Seg. Parl. għall-Isports u talbu appuntament sabiex flimkien jaraw kif forsi nistgħu nipproċedu f'dan ir-rigward. Turf tal-ground 5 aside

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Dr Cuschieri kien irrisponda l-email li ntbgħatet lilu bħala l-kuntrattur taż-Żamma tal-Ġonna, l-ELC, minħabba li s-servizz li kien qed jingħata fl- Kuntrattur għaż-Żamma ta' Gonna -

aħħar sentejn mal-Ex Sindku Joseph Abela ma kienx l-istess issa li kien hemm hu bħala Sindku, u fost oħrajn Dr Cuschieri ċaħad li s-servizz kien inbidel u talab li ssir laqgħa miegħu bħala s-Sindku l-ġdid. ELC

vii.i Sadanittant is-Sindku rrimarka li l-pots ta' Triq Birżebbuġa ma Triq il-Kbira kienu nsterqu. Is-Sindku kkwota wkoll xi kummenti li dehru dwar dan fuq il-paġna ta' facebook li kienet infetħet meta l-Ex Sindku Joseph Abela kien irriżenja.

viii. Rigward il-konferma dwar *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, peress li l-Kunsillier Luke Genuis kien assenti, dan il-punt kien ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra li jmiss. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet teżisti problema fi Ġnien Joanne, peress li dan ma kienx qed jixgħel. Għalkemm il-Kunsill kien bgħat lill-Enemalta sabiex tiċċekkja jekk il-ħsara kinetx ġejja minn naħa tagħhom, l-Enemalta kienet reġgħet irreferiet il-problema lura għand il-Kuntrattur tal-Kunsill. Issa erġajna rreferejna l-każ lura għand l-Enemalta għaliex jirriżulta li l-ħsara qegħda qabel il-meter tad-dawl. Ġnien Joanne

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, kien kellem lill-Perit u kellu jiċċekkja biex immexxu fuq it-tibdil neċessarju ladarba l-permess kien diġa ħareġ fuq open air gym. Ġnien Kurunell Mass

xi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra u li l-kaz kien f'idejn l-assikurazzjoni UNTOURS, l-Avukat tagħna kien sar jaf min hu l-avukat il-ġdid li kien qed jieħu ħsieb il-każ, ladarba Dr Byron Camilleri kien infurmana li ma kienx għadu jirrappreżenta lill-Untours hu, u kienu ser jikkomunkaw bejniethom. Inċident monument – Claim Dr Byron Camilleri

xii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li l-Perit kien ħa ħsieb jibgħatilna l-formoli sabiex jinħareġ il-COMPLIANCE CERTIFICATE mill-MEPA. Sadanittant tħallsu wkoll €300 lill-ARMS bħala l-permess għall-applikazzjoni tal-meter il-ġdid. Għalhekk issa li għad fadal kien biss li nirċievu l-Compliance Certificate mingħand l-MEPA u ladarba nirċevuh kemm nibgħatu lilu biss u l-proċess ikun konkluż kollu. Meter Ġnien Ovindoli

xiii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. Paul Pace sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li hekk kif titlob il-liġi huwa flimkien mas-Seg. Eżek. għamlu ittra fejn fiha nfurmaw lill-Onor. Ministru b'din is-sistwazzjoni. Din l-ittra ser tingħata personalment bl-idejn lill-Onor. Owen Bonnici. Is-Sindku żied jgħid li l-uniku nteress tiegħu huwa li isem il-Kunsill u din l-amministrazzjoni attwali jiġi kklirjat u jibqa nadif filwaqt li jekk inhu possibli li dawn il-miżappropprjazzjoni ta' fondi jiġu rifużi dan għandu jsir. Kopja ta' din l-ittra qed tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala referenza. Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-iskips ta' fejn l-Iskola li tressqu minn fejn kienu u tpoġġew iktar il-barra f'area li ma ttellef lil ħadd, avviċinawħ xi nies u rringrazzjaw lill-Kunsill. Skips ta' fejn l-iskola

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:50pm*

xv. Is-Sindku ssuġġerixxa li dwar il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, għandna l-ewwel niċċekkjaw mal-Kunsilli Lokali l-oħra jekk dawn għandhomx xi ħaġa simili, fil-kaz li le jkollna noħolqu waħda aħna. Il-Kunsill qabel unanimament. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

xvi. Il-Kunsillier Frans Agius qal li l-kap tal-iskola avviċinah u talbu sabiex jara jekk il- Barrier quddiem il-bieb

Kunsill Lokali jistax jagħmel barrier quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din il-barrier. prinċipali tal-iskola

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad m'għandniex risposta dwar l-applikazzjoni li kien tefa għall-attivitajiet tas-sena 2016 maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali. Din l-applikazzjoni ser tikkumplimenta l-proġett tal-ERDF. Applik. Attivitajiet 2016

xiii. Rigward il-korsijiet għall-adulti offruti mit- TCTC il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li l-laqgħa għall-parteċipanti hija ppjanata li ssir nhar is-16 ta' Frar 2016. TCTC

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Christmas Tree tal-FIBRE OPTIC proprjeta' tal-Kunsill baqgħet ma nstabetx u għalhekk kellna nixtru oħra ġdida. Christmas Tree

xx. It-Tiżjin tal-Ġonna Ovindoli u Kunsill Lokali 2000 sar bl-ornamenti li għandu l-Kunsill mill-Kuntrattur NEXOS u nxtgħelu għad-tgawdija ta' kulħadd. Tiżjin tal-ġonna

xxi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-bozzoz u l-fustuni li kienu jintramaw minn quddiem il-Kunsill sal-Pjazza tal-Knisja issa nstabu 3 kaxxi bil-bozzoz ikkuluriti. Sadanittant qal is-Sindku li jum fost l-oħrajn ġie l-Kunsill Lokali s-Sur Clinton Galea, il-partner tal-Ex Sindku Joseph Abela sabiex jitlob lura lis-Seg. Eżek. xi dawl dekorattiv li hemm imdendel mal-bieb ta' barra tal-uffiċċju tal-Kunsill li qed jgħid li huwa proprjeta tagħhom. Is-Seg. Eżek. spjegat li apparti l-fatt li dak kollu li kien proprjeta' personali tal-Ex Sindku kien ingħatalu lura meta rreżenja, kien l-Ex Sindku stess Joseph Abela flimkien mal-partner tiegħu Clinton Galea wara l-festi tal-Milied tal-2014 li żarmaw it-tiżjin kollu mill-uffiċċju tal-Kunsill u ppustjaw kollox fil-kaxxi. Saħansitra kien l-ex Sindku stess li kien ġarr dawn il-kaxxi bit-tiżjin u kien qal li tefgħa kollox fuq ir-rough fil-garaxx. Għalhekk żiedet tgħid is-Seg. Eżek. ma tarax kif bħalma ħa lura affarijiet oħra li kien qal li kien ġab hu stess fosthom Christmas Tree, kolonni u vażuni, tapiti, l-fustuni u bozzoz li konna żejjinna t-toroq u xi armar u oġġetti oħra li kien qal li kienu tiegħu ma ħax lura dan id-dawl dekorattiv ukoll. It-tiżjin kollu tal-Milied, għajr l-ornamenti tal-ġonna dejjem kienu jinżammu fil-boxroom ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill u mhux ġol-garaxx. Dan l-Ex Sindku kien jafu għax kemm il-darba ġibditlu l-attenzjoni dwarha apparti l-fatt li kienet tgħidlu ukoll li ma setgħax jieħu l-inizjattiva u jaqbad u jġorr u jneħħi u/jew jarmi xi affarijiet proprjeta tal-Kunsill mingħajr ma' l-ewwel jikkonsulta magħha u f'ċerta sitwazzjonijiet anke b'konsultazzjoni mal-Kunsill. Tiżjin tal-Milied ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill

xxii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur DIMBROS ma reġgħetx ċemplitlu biex tistaqsih għaliex mhux jikri skips. Is-Sindku żied jgħid li hu ma jarax għalfejn għandu jikri skips u jdaħħal il-Kunsill fi spejjeż meta llum il-ġurnata nistgħu nimlew il-vann tal-Kunsill u mmorru narmu f'wieħed mill-amenity sites li hawn f'pajjiżna. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku. Kuntrattur DIMBROS

xxiii. Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien avviċinah xi ħadd mill-grupp tal-aerobics u talbu sabiex il-Kunsill isib post alternattiv minflokk il-grawnd dan peress li l-lezzjonijiet kienu qed isiru barra u li issa li t-temp kien inbidel xtaqu li jsir x'imkien ġewwa fil-magħluq. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li kien kellem lil ta Rainbows F.C. biex forsi l-Kunsill juża s-sala tagħhom għal dawm il-lezzjonijiet. Qal li pero dan ma setgħax isir għaliex infurmawh li fis-sala tpoġġa apparat u għalhekk ma kienx hemm spazzju. Aerobics

xxiii.i Żied jgħid il-Viċi Sindku li saħansitra kien anke kellem lill-W.R. Kappillan u talbu sabiex forsi nutilizaw is-sala ta' Dar Nazareth pero qal li l-kappillan kien tah xi numru ta' xi ħaddieħor u kien qallu wkoll li f'dak il-każ is-sala setgħat tinkera u mhux tingħata b'xejn.

xxiii.ii Saret diskussjoni dwar il-fatt li l-Kappillan talab li l-użu tas-sala jiġi bil-kera. Il-Kunsill wasal għall-konklużjoni li dan l-aġir mhux ġust min-naħa tal-Kappillan/Parroċċa għall-fatt li l-Kunsill qatt ma żamm flus lill-Kappillan/Parroċċa meta jsiru permessi għaliex il- Ħlas ta' Permessi mill-Parroċċa

policy tal-Kunsill dejjem kienet li lill-għaqdiet tar-raħal ma jżommulhomx flus meta jintalbu permessi għall-attivitajiet. Għalhekk b'mod unanimu l-Kunsill iddeċieda li ladarba l-Kappillan ser jimxi b'dan il-mod mal-Kunsill allura ma jibqawx jinħarġu permessi ssussidjati lill-Kappillan/Parroċċa imma jibda jħallas b'mod normali.

xxiv. Is-Sindku Paul Farrugia ppreżenta kalenarju bid-dettalji ta' meta jkun xogħol barra minn Malta fuq xogħol ta' COR. Dan gie mgħoddi sabiex ikunu jistaw jigu programmati l-laqghat tal-Kunsill — Kalendarju Sindku

.

xxv. Is-Sindku qal li nħareg rapport mill-NAO dwar in-nuqqas ta' ħruġ ta' riċevuti fiskali mill-Kunsilli Lokali u Reġjuni. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien mhux imsemmi f'dan ir-rapport. — Riċevuti Fiskali

xxvi. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li waslet direttiva mid-Dipt. Gvern Lokali li ladarba l-kuntratt ta' Gbir ta' skart riċiklat jiskadi l-Kunsill huwa fi dmir li jikkonsolta maż-żewġ operaturi jiġifieri l-GREEN MT U GREENPAK u jitlobhhom jressqu l-proposti tagħhom. Sar qbil li ssir laqgħa ma' dawn iż-żewġ operaturi u naraw il-proposti tagħhom imbagħad jiddeċiedi l-Kunsill fuq il-proposti mressqa. — Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat

xxvii. Is-Seg. Eżek. nfurmat il-Kunsill li d-Dipt. Gvern Lokali kien talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jidentifika żewġ siti oħra sabiex l-MCA tinstalla WIFI points addizzjonali. Ġew identifikati Ġnien Ovindoli u Ġnien Joanne. — WIFI point godda

xxviii. Is-Seg. Eżek. qalet li irċevejna ittra mill-Ufficcju Elettorali biex issiru xi tabelli tul Triq San Tumas fil-parti li tagħmel ma' Ħal Tarxien u anke forsi Merħba Sign fi Triq San Tumas k/m Triq Pellikani. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru xi tabelli kif ukoll li niktbu lill-HSBC biex jisponsorjawlna din il-Merħba sign. — Tabelli bl-isem Triq San Tumas

xxix. Is-Seg. Eżek. qalet li rċevejna xi rikjesti mit-TM għal- Reserved Parking quddiem id-djar :- — Reserved Parking - TM

- "Il-Merill" Triq il-Qalgħa
- 33, "Marija", Triq Sammat

Ma kienx hemm oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill sabiex dawn iż-żewġ Reserved Parkings isiru mit.TM

xxx. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li Sra Susanna Bonello mit-TM kienet qed titlob lill-Kunsill Lokali tagħna konferma li l-Kunsill kien għamel konsultazzjoni mar-residenti tat-Toroq Dun Ġużepp Calleja, Dun Mikiel Gonżi, u Mikiel Calleja għal proposta li kien ressaq il-Kunsill sabiex issir sistema ta' *one way* f'dawn it-toroq. Saret diskussjoni dwar dan u rriżulta li l-Ex Sindku Joseph Abela kien ressaq din il-proposta lit-TM f'Awwissu tal-2013 fuq rikjesta ta' resident wieħed mingħajr ma nforma lill-Kunsillieri u ressaqha għad-diskussjoni quddiem il-Kunsill. — Proposta Toroq one Way

xxx.i. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li tintbgħat ittra lir-residenti tat-toroq imsemmija sabiex iressqu l-veduti tagħhom fuq din il-proposta. — Ittra residenti

xxx.ii Is-Seg. Eżek. qalet li dakinhar stess jum il-laqgħa kienet waslet ittra rreġistrata indirizzata lis-Segretarju Amministrattiv, lis-Sindku u lill-kunsilliera mingħand l-Ex Sindku Joseph Abela. Irrimarkat is-Segretarju Eżekuttiv li l-Ex Sindku wara kważi sentejn u nofs bħala Sindku baqa xorta qatt ma aċċetta li l-pożizzjoni u kariga tagħha kienet ta' Segretarju Eżekuttiv u mhux Amministrattiv dan jikkonferma li hu baqa' jqisa s-segretarja personali tiegħu u mhux tal-Kunsill Lokali. — Ittra Ex Sindku Joseph Abela

xxx.ii.i Sadanittant is-Sindku qara din l-ittra u wara ġew diskussi l-punti mqajjma minn din l-ittra. Kopja ta' din l-ittra qed tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala riferenza.

xxx.ii.i.i Fejn fl-ewwel paragrafu l-Ex Sindku Joseph Abela kiteb u rrefera għal-ittra li ntbagħtitlu bl-avukat tal-Kunsill minħabba li ma nstabux xi affarijiet, is-Sindku qal li l-ispjegazzjoni kienet diġa ngħatat ftit qabel f'din l-istess laqgħa. Saħansitra s-Seg. Eżek. kienet spjegat l-affarijiet f'aktar dettal.

xxx.ii.i.ii Fit-tieni paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela semma l-fustuni u l-armar tal-ġonna, is-Sindku Paul Farrugia staqsa lil dawk preżenti min mill-Kunsill huwa Electrician? Il-Kunsill m'hemm ħadd li huwa electrician u huwa għalhekk li ġie imqabbad il-kuntrattur NEXOS u mhux NAXOS biex jarmaw l-ornamenti u t-tiżjin tal-Milied fil-ġonna. Jidher li anke hawn l-Ex Sindku ma kienx jaf min kienu l-Kuntratturi tal-Kunsill. Żied is-Sindku Paul Farrugia jgħid li issa huwa ċar u kkonfermat mill-Ex Sindku Joseph Abela stess għalfejn fi żmien kien jiġbed l-attenzjoni li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill kien qed jitqabbdu jagħmlu xogħol mhux fir-responsabbilta' tagħhom, Paul Farrugia qal li kien qed jirreferi għaż-żmien meta bħala Sindku kien għad hemm Joseph Abela. Dan għaliex l-ebda wieħed mill-ħaddiema m'hu electrician.

xxx.ii.i.iii Fit-tielet paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela semma' li l-Kunsill kollu kien jaf b'min kien qed juża l-grawnd, is-Sindku Paul Farrugia qal li hu jiftakar u jaf li l-użu tal-grawnd kien għar-Rainbows, Abbatini u l-grupp ta' Ġużi Farrell u qatt ma ssemma' li fil-laqgħat tal-Kunsill li l-Grupp tal-ex Sindku l-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata kellhom il-permess tal-Kunsill sabiex jużaw id-dressing rooms. Paul Farrugia staqsa lill-Kunsillieri l-oħra dwar dan. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin u l-Kunsillier Lawrence Bonavia qalu li ma jiftakrux. Is-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni li waqt laqgħat tal-Kunsill kien tqajjem il-punt li l-anqas għal grupp ta' Ġużi Farrell u tal-Abbatnin ma suppost kellu jintuża l-grawnd minħabba li t-turf ma kienx fi stat tajjeb u faċilment setgħa jweġġa xi ħadd. Il-qbil kien li l-grawnd jintuża biss għall-Aerobics għaliex ma jsirx ġiri fuq it-turf.

xxx.ii.i.iii.i Fejn f'dan l-istess paragrafu l-Ex Sindku semma li s-Segretarja kienet taf li d-dressing rooms kienu qed jintużaw mill-Għaqda Kultura Armar taħt is-superviżjoni tiegħu u li hu qatt ma żamma milli titkellem jew tirraporta lil xi Kunsillier, is-Seg. Eżek. qalet li dan mhux minnu għaliex hu qatt ma qalilha xejn. Żiedet is-Seg. Eżekuttiv li dak li kiteb l-Ex Sindku Joseph Abela mhux verita' għaliex tant hi ma kienet taf b'xejn li anqas aċċess ma kellha la għal grawnd u anqas għad-dressingrooms għax iċ-ċwievet kien ħadhom kollha l-Ex Sindku. Il-Keybox kienet kważi vojta u dan jista jixhdu s-Sindku għaliex meta tela hu kelna naqbdu u nibdlu xi serraturi u katnazzi. Kulħadd jiftakar x'mazz ċwievet kien dejjem iġorr miegħu l-Ex Sindku Joseph Abela u żiedet tgħid li saħansitra kien hemm drabi li tilef ċwievet mill-mazz u kellhom jibdlu jew is-serratura u/jew katnazzi skond il-bżonn. Anke il-mazz sħiħ kemm il-darba nesih x'ikien warajh u jġibuhomlu n-nies siegħat jew xi jiem wara. Anke iċ-ċwievet tal-uffiċċju tar-reception kien tilef u dan saret tafu għaliex saħansitra kkonfermaw l-istaff li biex jidħol fil-għaxija kien qed jaqbeż għall-ġewwa min naħa l-baxxa tal-partition u jiġi fuq il-unit, saħansitra qaċċat l-arloġġ u l-kurċifiss meta qabeż. U dawn iċ-ċwievet qatt ma ġew rritornati lura għaliex kien ammetta li ma kienx jaf x'sar minnhom. Qalet ukoll is-Seg. Eżek. li tant mhux veru li kiteb l-Ex Sindku Joseph Abela li saħansitra tar-Rainbows minn darba sa' tnejn ġew jitolbuna ċ-ċwievet biex jiftħu l-gate u jidħlu għax imbagħad kienu bdew iċemplu dirett lilu u wara saret taf li kien tagħhom kopja taċ-ċwievet. Is-Seg. Eżek. rrimarkat li saħansitra meta kien jiġi l-meter reader kellna noqgħodu nċemplu lill-Ex Sindku biex imur jiftaħlu għaliex ċwievet l-uffiċċju ma kienx ħalla. Apparti dan żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li hi fuq kollox per etika mhux titkellem jew tirraporta lil xi kunsillier imma f'dak il-każ xi ħaġa bħal din kellha tgħaddi quddiem il-Kunsill kollu bħalma dejjem għamlet.

xxx.ii.i.iv Fejn fir-raba' paragrafu l-Ex Sindku Joseph Abela kiteb dwar il-kontijiet tal-Kuntrattur Jimmy Vella, u l-użu tar-romblu s-Sindku Paul Farrugia qal li hu dejjem tkellem skond il-fatti u fuq dak li kien jirraporta fil-Kunsill l-Ex Sindku stess meta kien jiġi jgħid li l-Kuntrattur Jimmy Vella f'isem Vella Group kien qallu li ser jagħtih r-romblu b'xejn. Żied jgħid is-Sindku li safrattant kulħadd hawn preżenti jaf li l-kont tar-romblu dejjem hemm

kien u hemm għadu. B'żieda ma' dan is-Seg. Eżek. qalet li wara kollox dan id-diskors ikkonfermah l-istess Jimmy Vella fid-diversi laqgħat li kellu magħna u dan setgħa jikkonfermah anke s-Sindku.

xxx.ii.i.iv.i Is-Seg. Eżek. irreferiet għall-istess paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela semma li hu kien talab lill-Jimmy biex jidħolx iktar fl-uffiċini tal-Kunsill għaliex hi kienet qalet li l-aħħar li kien attenda kien beda jaqla ħafna argumenti. Is-Seg. Eżek. spjegat li dan kien parti verita għaliex jum fost l-oħrajn meta hi lanqas kienet għadha Seg. Eżek. ġie is-Sur Jimmy Vella l-uffiċċju u minn fejn l-iskrivani beda jgħaddi ċerta kummenti bħal "għax issa għandhom l-għeruq ma saqajhom", "ġejt għaċ-ċekk", "mhumiex irġiel", "issa nsew" u dan kollu riferut għas-Sindku u s-Seg. Eżek. ta' dak iż-żmien jiġifieri Joseph Abela u Paul Pace rispettivament. Dan id-diskors beda jgħidu fir-reception area kemm quddiem l-istaff kif ukoll quddiem xi pubbliku li dak il-ħin kien qiegħed hemm biex jinqeda. Is-Seg. Eżek. Antonella Galea qalet li huwa minnu li hija stess għalkemm dak iż-żmien kient biss Asst Prinċipal talbet lill-Jimmy biex jaqta' d-diskors żejjed u biex jekk jogħġbu jitlaq u jiġi biss meta jibgħatu għalih. Pero żiedet tgħid is-Seg. Eżek. Antonella Galea jidher li l-Ex Sindku Josph Abela lis-Sur Jimmy Vella dan kollu qatt ma qalulu għaliex s-Sur Jimmy Vella waqt l-istess laqgħat li kellu magħha u mas-Sindku Paul Farrugia flimkien mal-Avukati rispettivi taż-żewġ naħat, kien iddikjara li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qallu biex ma jersaqx iktar lejn il-Kunsill għaliex ma kienx qed jmur liebes xieraq għaliex il-qalziet kien ikun l-isfel ħafna u nikkwota "b'nofs il-warrani mikxuf". Saħansitra qalet is-Seg. Eżek. kien Jimmy Vella stess li kien rrefera għall-ġest li kien għamel waqt laqgħa fil-Kunsill Lokali l-Ex Sindku Joseph Abela meta niżżel il-qalziet sa kuxtejh biex lil Jimmy jurih kif kien jidħol il-Kunsill. Dan ikkonfermah ukoll is-Sindku Paul Farrugia.

xxx.ii.i.v. Fil-ħames paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela kiteb dwar l-iskips ta' fejn is-sala taż-żfin Look Star Dancers tal-Għaqda Kultura u Armar, Is-Sindku Paul Farrugia qal li meta l-Kunsill bgħat l-ittra lir-residenti tal-akkwata kollha qatt ma ssemma l-fatt li l-iskips kienu ser jitneħħew. Anzi kien intqalilhom sabiex il-boroż jitħallew quddiem il-bibien tar-residenzi tagħhom u jkun il-kuntrattur li jidħol jiġborhom. Imbagħad f'każ li jkun hemm xi problema wieħed kellu jirraporta lura l-Kunsill. Qal is-Sindku Paul Farrugia li l-informazzjoni li kienet waslet fil-Kunsill kienet li r-residenti kellhom struzzjonijiet li ż-żibel għandhom jarmuh fl-iskip u f'każ li jkun hemm xi boroż li ma jinġabrux kien ser jgħaddi għalihom l-Ex Sindku Joseph Abela. Is-Sindku Paul Farrugia qal li għal darb'oħra ser jerġa jiddikjara li hu qatt u qatt mhu lest li bħala Sindku jmur jiġbor iż-żibel. U bħalma jaf kulħadd l-iskips marru fejn marru kemm fuq talba tar-residenti stess kif ukoll tal-Iskola. Is-Sur Farrugia qal ukoll li dan il-Kunsill qatt ma kien infurmat li l-Ex Sindku Joseph Abela kien ser iwaħħal il-camera proprjeta tal-Kunsill mal-faċċata tal-kamra taż-żfin proprjeta' tal-istess Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata.

xxx.ii.i.vi Fis-sitt paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela semma x-xogħol magħmul mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali, is-Sindku Paul Farrugia spjega li hu kien ġibed l-attenzjoni mhux għax dawn kienu qed jieħdu ħsieb il-ġonna imma għax il-Kunsill kien qed jordna skip wara skip wara skip biex jitnaddfu zoni privati. Qal li huwa veru li f'dawn is-sitt xhur kemm ilu Sindku lil dawn il-ħaddiema ħallilhom l-istess xogħol ta' tindif ta' ġonna pero bid-differenza li hu mhux juża skips u għalhekk kif irraporta fil-laqgħa preċedenti ċemplitlu l-kuntrattur DIMBROS tistaqsih għaliex mhux jikri skips. Dawn il-ħaddiema qed jiġbru kollox ġo boroż suwed, jgħabbu fil-vann tal-Kunsill u jmorru jarmu fis-siti apposta. Kompla s-Sindku li seta faċilment jaqbad tlett kwarti min-nies u jibgħathom l-lura l-ETC imma hu ħallihom jagħmlu l-istess xogħol filwaqt li qed jieħu ħsieb il-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri kollha preżenti li jekk f'każ li huma jaqblu ma' dak li kiteb l-Ex Sindku Joseph Abela allura kien lest li mill-għada tal-laqgħa lil dawn il-ħaddiema kien ser jibgħathom lura l-ETC.

xxx.ii.i.vi.i Il-Viċi Sindku Keith Darmanin qal li ma jaqbilx li dawn il-ħaddiem jitneħħew. Filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li huwa minnu li ż-żamma tal-ġonna suppost issir

mill-Kuntrattur u mhux minn dawn il-ħaddiem, pero huwa fatt ukoll li kieku dawn il-ħaddiema ma jgħinux għaż-żamma ta' dawn il-ġonna, dawn il-ġonna huma fi stat ħażin immens.

xxx.ii.i.v. Fis-seba' paragrafu fejn l-Ex Sindku Joseph Abela semma' l-każ tal-Iskrivana Isabella Formosa, is-Seg. Eżek. Antonella Galea qalet li dak li kiteb l-Ex Sindku Joseph Abela mhux veru. Spjegat is-Seg. Eżek. li bħalma jafu kollha kif toqrob l-aħħar tas-sena nibdew nippreparaw għall-Audit. Għalhekk l-Accountant tal-Kunsill – Ramon kien bħal kull sena oħra beda jagħmel xogħol ta' verifika u fosthom kien hemm il-pagi. L-Accountant kien jikkordina magħha peress li s-Sur Pace dak iż-żmien kien Asst Direttur fid-Dipt Gvern Lokali u allura iktar kien ikun id-Dipt milli l-Kunsill. Kien għalhekk li fost affarijiet oħra kien ddelega lilha bħala Asst. Prinċipal biex tibda tieħu ħsieb hi tikkordina ma Ramon dwar il-pagi u affarijiet oħra relatati.

Sadanittant skond il-collective agreement tal-impjegati hemm indikat li meta impjegat jidħol jaħdem minn Kunsill għall-ieħor dan għandu jitpoġġa fit-tielet notch ta' dik l-iskala rispettiva. Allura, kompliet is-Seg. Eżek. kien għalhekk li fil-bidu tal-2013 hija kienet bagħtet lil-Ramon li l-paga tas-Sra Isabella Formosa kellha tkun Skala 15 notch 3. Is-Sra Isabella Formosa għamlet ċertu snin taħdem ma Kunsill Lokali ieħor.

Lejn l-aħħar kwart tas-sena għal xi Settembru Ramon kien beda dan l-eżerċizzju magħha u talabha biex tivverifika li kollox kien sew fil-files u biex tivverifika li kull impjegat kien fuq l-iskala u fuq in-notch li suppost. Fost ħafna affarijiet oħra l-Awdituri tal-Gvern jiċċekjaw il-kuntratti tal-impjegati u l-ħlas tal-pagi. Irriżulta li ndunajna li l-impjegata Isabella Formosa għalkemm kienet inqalbet full timer minn part timer qatt ma kien sarilha kuntratt allura ma kienx hemm dettalji ċari. Dan kien Settembru 2013.

Hemmhekk kien il-mument li ndunajna bl-iżball qalet Sna Antonella Galea u mhux kif qal Joseph Abela fl-ittra tiegħu li kienet kelmitu biex tissuġġerilu li jingħata bonus lill-Isabella għax-xhur ta' xogħol waħedha. Reġgħet tenniet is-Seg. Eżek. Antonella Galea li Isabella Formosa qatt ma kienet waħedha u wara kollox fl-2013 kien għad hemm impjegata s-Sna Maria Aquilina mal-Kunsill li kienet impjegata bħala Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 u kienet tkun front office ħdejn Isabella. Is-Sna Maria Aquilina rreżenjat f'April 2014.

Is-Seg. Eżek. spjegat li l-każ seħħ hekk kif l-Accountant induna bl-iżball ġibed l-attenzjoni tagħha u saħansitra kien bgħatilha tabella bil-workings xahar b'xahar bil-flus imħallsa żejda li kienu jammontaw għal madwar €2000. *(It-tabella qed tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala riferenza).* Is-Seg. Eżek. Antonella Galea, dak iż-żmien Asst. Prinċipal ddikjarat li kienet mill-ewwel infurmat b'dan l-iżball lil dak iż-żmien Sindku Joseph Abela kif ukoll lil dak iż-żmien Seg. Eżek. Paul Pace. Dak iż-żmien Is-Sindku Joseph Abela kien qalilha li hu kien qed iħossu skomdu li jitlobhomlha lura dawn il-flus għaliex hija kienet avviċinatu u fost affarijiet oħra kienet qaltlu li kellha xi problemi ta' natura ta' saħħa fil-familja u allura ma kienx komdu jgħidilha. Is-Seg. Eżek. Paul Pace kien mil-ewwel qallu li dan ma setax isir għaliex dawk il-flus kienu fondi pubbliċi u riedu jiġu rritornati. Sadinttant biex is-somma ma tkunx daqstant għolja kien sar il-kuntratt u tpoġġa fil-file ta' Isabella Formosa ffirmat minn dakinhar Sindku Joseph Abela u minn dakinhar Seg. Eżek. Paul Pace u s'intendi mill-istess Skrivana Sra Isabella Formosa u kien back dated għall-1 ta' Lulju 2013 bid-dettalji tas-salarju jaqraw li kienet ser titpoġġa fuq Skala 15 fuq notch 3. L-Accountant tal-Kunsill kien intalab jerġa jaħdem id-dettalji skond kif emendat u l-ammont li allura issa kellha tirrifondi lura s-Sra Isabella Formosa kien naqas kważi bin-nofs u ġie għal madwar €1000. *(Kopja ta' din it-tabella l-ġdida wkoll qed tiġi mehmuża ma' dawn il-Minuti bħala referenza).*

Is-Sna Antonella Galea spjegat li dakinhar Sindku Joseph Abela xorta ma kienx komdu jitlobhomlha lura l-flus imħallsa żejda. Tant u hekk li kien sejjaħ għas-Sra Isabella Formosa, fil-preżenza tal-Ex Seg. Eżek. Paul Pace u tagħha bħala dak iż-żmien Asst. Prinċipal, fejn lis-Sra Isabella Formosa nfurmaha b'dan l-iżball tal-flus

imħallsa żejda u żied jgħidilha li dawn il-flus ma kienx ser jitlobhomlha lura pero f'każ li l-Awdituri jindunaw bl-iżball imbagħad hemmhekk hi kellha trodd kollox lura skond il-Liġi.

Spjegat is-Seg. Eżek. li sadanittant l-Audit għall-2013 wasal u għadda u ħadd ma nduna b'xejn. Wasal ukoll l-Audit għall-2014 u baqa ħadd ma nduna b'xejn. Issa meta wasal l-Audit għall-2015 is-Seg. Eżek. kienet ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku attwali Paul Farrugia li dan mill-ewwel ħa azzjoni u bgħatt għall-impjegata Isabella Formosa u fuq ammissjoni tagħha stess ikkonfermatlu li hi kienet taf b'kollox mill-2013 meta kien bgħat għaliha l-Ex Sindku Joseph Abela fil-preżenza tal-Ex Seg. Eżek. Paul Pace u fil-preżenza wkoll ta' dak iż-żmien Asst. Prinċipal Antonella Galea. Is-Sra Isabella Formosa kienet stqarret li kellha struzzjonijiet mis-Sindku Joseph Abela li ma tirrifondi xejn sakemm ma jindunawx l-Awdituri tal-Gvern waqt xi Audit.

Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li mhux veru anqas dak li kiteb Joseph Abela li saħansitra hu kien jagħmel xi xogħol ta' Customer Care u dan meta hi kienet b'xi leave jew sickleave għaliex l-ewwelnett ilha ma tieħu sickleave żmien u t-tieni l-uniku raġuni li taf li l-Ex Sindku Joseph Abela kien joqgħod customer care kienet biex jilqa l-ilmenti tan-nies minħabba xi ċitazzjoni imbagħad wara kien jgħaddihom lill-istess Isabella Formosa sabiex toqgħod timlijlu l-formoli tal-Bord of Petitions. U kien proprju għalhekk tenniet s-Sna Antonella Galea li kien Joseph Abela stess li ppropona li dawk il-flus imħallsa żejda nħalluhomlha biex jagħtiha bonus talli kienet qed teħodlu ħsieb dawn il-formoli għalkemm dan setgħa kien konflitt ta' interess. Infatti kompliet tispjega s-Seg. Eżek. meta żbarazzaw xi kxaxen sabu mazz minn dawn il-formoli tal-petizzjonijiet mimlijin.

Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rrimarka li hija ħasra li l-Kunsill wasal fejn wasal u ssuġġerixxa li l-aħjar li jekk ikun hemm xi ħaġa aħjar naqbdu u niltaqgħu ma' dan ir-raġel, jiġifieri mal-Ex Sindku Joseph Abela milli nkomplu naħlu l-enerġija fuq dawn l-affarijiet. Is-Sindku rrimarka li dak huwa l-pjan li naħlu l-ħin tal-Kunsill fuq dawn l-affarijiet u nibqgħu ngħixu fil-passat u l-Kunsill jistaġna. Is-Sindku żied jgħid li pero fejn hemm insinwazzjonijiet irrid jiċċarahom. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li hu mhux jitkellem fuq insinwazzjonijiet. Is-Seg. Eżek. wieġbet li dak kollu miktub minn Joseph Abela f'dik l-ittra huma kollha insinwazzjonijiet u għalhekk kienet ser tirreferi din l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi skond kif jinħtieġ.

xxxi. Is-Sindku qal li avviċinawh xi residenti minħabba l-*pass* li kien sar sabiex ir-residenti ta' fejn l-Iskola jgħaddu waqt il-ħin tal-iskola. Il-Viċi Sindku Keith Darmanin spjega li issa hawn Spettur ġdid u dawn il-passes mhux jaċċettahom. Saret diskusjsoni dwar dan u ġie ssuġġerit li tinkiteb ittra lir-residenti biex nispjegawlhom is-sitwazzjoni. Passes fejn l-iskola

## 3 Skeda ta' Pagamenti

L-Iskeda Nru 33/07 ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

## 4. Performance Bonus

**Perf. Bonus**

- *Segretarju Eżekuttiv - 10%;*
- *Uffiċċjal Eżekuttiv – 6% pro-rata għal perjodu mit-2 ta' Novembru 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;*
- *Skrivana – 3% minħabba li nħarġula l-Warnings;*
- *Assistent Skrivan - 6% pro-rata għal perjodu mit-2 ta' Novembru 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;*
- *Ex Impjegata - Skrivana Denise Vella – 3% pro-rata mill-1 ta' Jannar 2015 sal-23 ta' Ottubru 2015. Minħabba li s'issa għadna qed nerġgħu nagħmlu l-istess xogħol li suppost kellha tagħmel hi.*

*Is-Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Kunsill għaliha u f'isem l-impjegati l-oħra.*

**5 Rapport tal-Kunsilliera**

i. ***Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin***
Il-Viċi Sindku Keith Darmanin talab lill-Kunsill sabiex nhar l-10 ta' Jannar 2016 tittella' MINI CAR SHOW. U talab li tingħata TOKEN sal-valur ta'€50. U li jingħataw drinks mingħand il-Każin tal-Banda. Sar qbil unanimu li l-attivita' ssir u li jingħataw drinks u li tinxtara token. Mini Car Show

ii. ***Rapport mill-Kunsillier Frans Agius***
Il-Kunsillier Frans Agius ippreżenta t-timetable tal-korsijiet kollha ġewwa ċ-Ċentru Komunitarju. Timetable tal-korsijiet

iii. ***Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli***
Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li fid- 29 ta' Novembru 2015 bejn it-8:30am u l-11:00am ittellgħat l-attivita' fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali u dan bħala parteċipazzjoni għall-ġimgħa Ewropea għar-riduzzjoni ta' l-Iskart u din kienet success. Irringrazzja wkoll lill-ħaddiema Gorg Simiana u Etienne Borg tal-għajnuna li tawh f'din l-attivita'. Kif ukoll lill-iskultur li offrilna xi statwi magħmula mil-plastik irriċiklat. Attivita' ġimgħa Ewropea għar-riduzzjoni ta' l-Iskart

Issuġġerixxa li nhar id-9 ta' Jannar 2016 issir l-attivita' tar-riċiklar tal-ħwejjeġ. Il-Kunsill qabel unanimanet li din l-attivita' ssir. Riċiklar tal-ħwejjeġ

***iv. Rapport mill- Kunsilliera Doris Vella***

i. Il-Kunsilliera Doris Vella ssuġġeriet li nhar it-28 ta' Diċembru 2015 tittella' attivita' għat-tfal u talbet sabiex il-Kunsill japprova li jħallas il-coach. Ippreżentat rendikont tal-aħħar attivita'. Is-Sindku qalilha li hekk kif hemm miktub fil-Minuti preċedenti ladarba tgħaddi l-Bye Law il-flus kollha miġbura mill-attivitajiet irid jidħlu fil-kotba tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-coach titħallas mill-Kunsill.

ii. Is-Sinjura Vella ppreżentat applikazzjoni sabiex jidħol membru ġdid fis-Sotto Kumitat. Il-Kunsill qabel unaniment li s-Sur Charlie Vassallo jidħol fis-Sotto Kumitt

iii. IS-Sra Doris Vella ppreżentat Rendikont għall-attivita' li saret fit-Tarxien Rainbows har 26/Nov/15.

iv. Is-Sinjura Vella staqsiet lis-Seg. Eżek. x'ġara minnu ċ-ċekk tagħha ta' sentejn ilu ħalli fil-każ tikkanċellaħ u toħroġilha ieħor. Is-Seg. Eżek. qaltilha li dak ma kienx sar ħażin u ma tistax tikkanċellaħ għaliex iċ-ċekk inħareġ u ntbgħat sewwa u kienet hi li qed tgħid li ma rċevitux. Is-Seg. Eżek. qaltilha li qabel ma jagħlaq il-kotba l-Accountant ma setgħat toħroġilha xejn għaliex ladarba tingħalaq s-sena nkunu nafu x'ċekkijiet ma ssarfux.

**6 Ħwejjeġ Oħra**

Kienx hemm iktar x'jiġi rrapurtat.

**7 Għeluq tal-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fi 20:30pm

Laqgħa oħra ser tinżamm L-ERBGĦA 27 TA' JANNAR 2016 fis-18:00pm

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**

Payroll analysis by employee for the periods: 01 - 31 JAN 2013 to 01 - 31 AUG 2013 - ISABELLA FORMOSA

| | Weeks | Hrs | Total Hours |
|---|---|---|---|
| Summer time | 15 | 15 | 225 |
| Winter Time | 37 | 28 | 1036 |
| | 52 | | 1261 |

In summer, Overtime is calculated in excess of 15 hrs per week
In winter, Overtime is calculated in excess of 28 hrs per week
= 24.25 per week on average

| | | Gross | Hourly | Prodated for 24.25 hours per week ( to get the basic wage) | Prodated for 24.25 hours per month ( to get the basic wage) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (up to July) | Scale 15 Notch 1 | 12116 | 5.83 | 141.26 | 612.11 | (up to July) |
| (As from Aug) | Scale 15 Notch 2 | 12414 | 5.97 | 144.73 | 627.17 | (As from Aug) |

| | | | | BASIC PAY | BASIC PAY | HOURS | HOURS | FLAT RT | FLAT RT | ALLOWNC | ADJUST | HOURS | HOURS | BONUS | RATE 1 | RATE 1 | RATE 2 | RATE 2 | RATE 3 | RATE 3 | CAR ALLW |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 256.23 | 0 | 0 | 240 | 2734.08 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 23 | 811.07 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 30.08 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 20 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | -36.05 | 0 | 0 | 0 | 36 | 230.33 | 13 | 124.76 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 21 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 94.57 | 48 | 307.11 | 5 | 47.99 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 22 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 39 | 249.52 | 10 | 95.97 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 23 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 60 | 383.88 | 20 | 191.94 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 20 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 123.54 | 40 | 255.92 | 28 | 268.72 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 23 | 1108.99 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 12.8 | 16 | 153.55 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTF | 401 | ISABELLA FORMOSA | R | 22 | 1133.83 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2.29 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 45 | 441.54 | 0 | 0 | 0 |
| | | | | | | | | | | | | | | | 225 | 1439.56 | 380 | 4088.63 | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | 225 | 1310.625 | 335 | 2,927.06 | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | 45 | 402.86 | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | 128.935 | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | 758.71 | | | |

**BASIC WAGE**

*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 4,656.52 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 3,672.66 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 983.86 |

*Full Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from July 13 | 1,108.99 |
| Pay as per collective agreement (July 13) | 1,009.67 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 99.32 |

*Full Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Aug 13 | 1,133.83 |
| Pay as per collective agreement (Aug 13) | 1,034.50 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 99.33 |

**OVERTIME 1 IS TO 1**

*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 1,439.56 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 1,310.63 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 128.94 |

**OVERTIME 1 IS TO 1.5**

*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 3,647.09 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 2,927.06 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 720.03 |

*Full Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Aug 13 | 441.54 |
| Pay as per collective agreement (Aug 13) | 402.86 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 38.68 |

| TOTALS TO BE REFUNDED | Basic wage | Overtime 1 is to 1 | Overtime 1 is to 1.5 |
|---|---|---|---|
| | 1,182.51 | 128.94 | 758.71 |

**2,070.16**

Payroll analysis by employee for the periods: 01 - 31 JAN 2013 to 01 - 31 AUG 2013 - ISABELLA FORMOSA

| | Weeks | Hrs | Total Hours |
|---|---|---|---|
| Summer time | 15 | 15 | 225 |
| Winter Time | 37 | 28 | 1036 |
| | 52 | | 1261 |

In summer, Overtime is calculated in excess of 15 hrs per week
In winter, Overtime is calculated in excess of 28 hrs per week
= 24.25 per week on average

| | Gross | Hourly | Prodated for 24.25 hours per week ( to get the basic wage) | Prodated for 24.25 hours per month ( to get the basic wage) | |
|---|---|---|---|---|---|
| (up to July) Scale 15 Notch 1 | 12116 | 5.83 | 141.26 | 612.11 | (up to July) |
| (As from Aug) Scale 15 Notch 2 | 12414 | 5.97 | 144.73 | 627.17 | (As from Aug) |

NUMBER OF HOURS ACTUALLY WORKED AS PER PAYSLIPS @ 1HR X 1HR

| | | | BASIC | BASIC | HOURS | HOURS | FLAT RT | FLAT RT | ALLOWNC | ADJUST | HOURS | HOURS | BONUS | RATE 1 | RATE 1 | RATE 2 | RATE 2 | RATE 3 | RATE 3 | CAR ALLW |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | PAY | PAY | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 256.23 | 0 | 0 | | | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 23 | 811.07 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 30.08 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 20 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | -36.05 | 0 | 0 | 0 | 36 | 230.33 | 13 | 124.76 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 21 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 94.57 | 48 | 307.11 | 5 | 47.99 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 22 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 39 | 249.52 | 10 | 95.97 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 23 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 60 | 383.88 | 20 | 191.94 | 0 | 0 | 0 |
| ADMINISTI | 401 ISABELLA FORMOSA | R | 20 | 776.3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 123.54 | 40 | 255.92 | 28 | 268.72 | 0 | 0 | 0 |
| | | | | | | | | | | | | | | 223 | 1426.76 | 79 | 759.46 | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | 223 | 1298.975 | 79 | 690.26 | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | 0 | - | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | 127.785 | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | 69.20 | | | |

**BASIC WAGE**
*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 4,656.52 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 3,672.66 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 983.86 |

**OVERTIME 1 IS TO 1**
*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 1,426.76 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 1,298.98 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 127.79 |

**OVERTIME 1 IS TO 1.5**
*Part Time*

| | |
|---|---|
| Actual Pay from Jan to June 13 | 759.46 |
| Pay as per collective agreement (Jan to June 13) | 690.26 |
| Difference on Basic wage to be refunded | 69.20 |

NUMBER OF HOURS ACTUALLY WORKED AS PER PAYSLIPS @ 1HR X 1HR

NUMBER OF | MBER OF HOURS ACUTALLY WORKED AS PER PAYSLIPS AS OVERTIME @ 1HR X 1.5HRS

| | | | |
|---|---|---|---|
| TOTALS TO BE REFUNDED | 983.86 | 127.79 | 69.20 |
| | | | 1,180.84 |

**JOSEPH ABELA**
**12, Warda ta' Mejju, Triq San Guzepp, Tarxien**

**Kunsil Lokali**
**Triq Sant Marija,**
**Tarxien.**

L-Erbgha 16 ta'Dicembru, 2015.

**SurSegretarju Amministrattiv, Sindku u kunsilliera,**

Kienet ta' sorpriza kbira ghalija meta ftit tal-jiem ilu nircievi ittra bl-avukat minghand il-kunsill biex nirtira tlett mitt bozza. Sigra tal-Milied u fustuni fi zmien stipulat. Jien nistgha nassigurakom li dawn il-bozzoz kif diga ghedt lill avukat kienu jinsabu fuq ir-raff fil-garaxx fejn kif instabu l-bozoz setghet instaghbet ukoll is-sigra bhal ma nstabu u hallejt warajja u ntuzaw din is-sena biex jintarmaw l-ufficju xi settijiet u girlandi tal-Milied.

Dwar fustuni, jekk tiftakru sew, l-armar li armajna is-sena l-ohra kien kollu propjeta ta' l-Ghaqda Kultutra u Armar Marija Annunzjata, misluf bl-arbli b'kollox fejn ghalih il-kunsill ma hareg l-ebda flus. Inxtraw biss il-bozoz fejn irrapurtajt dan jien stess waqt il-laqgha tal-Kunsill u fl-ebda kontijiet ma nxtraw holders biex saru l-fustuni li zejjnu t-toroq taghna ghal zmien il-Milied, kif ukoll anke l-armar tal-gonna flimkien ma' tal-pjazza u t-toroq intramaw minni u l-haddiema assenjati mal-kunsill u ma hallsna l-ebda flus lill-entita' Naxos – il-kuntrattur tad-dawl biex iqabbadhom.

Irrid naghti spjegazzjoni wkoll ta' xi rapport waqt il-laqghat tal-kunsill jnghad fil-konfront tieghei u jigi rrapurtat fil-minuti. Nibda bil-grawnd u d-dressing rooms. Fil-kunsill sar qbil minn kulhadd fejn konna nifthu l-grawnd ghall pubbliku u jinghalqa filghaxija fejn kont nghaddi nghalqu jien bil-katnazz. Dan il-grawnd kien jintuza mit-Tarxien Rainbows Nursery, minn Mark Farrugia (it-tifel ta'Joe Farrugia), mill-grupp ta'Guzi Farell, mill-abbatini (is-Sibt filghodu) u ghat-tlett gimghat fix-xahar ta' Jannar intuzaw ukoll id-dressing rooms mill-Ghaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata biex jigi preparat xoghol ghall Karnival waqt li zgur it-tapit mal-logg ma twahhalx minhabba xi nies bhall li kieku xi kuntrabandu izda semplicimet biex jilqa ftit mill-kesha li tidhol bil-lejl. Ix-xoghol imsemmi kien isir filghaxija wara z-zfin taht il-solvenjanza tieghei stess ghax dejjem kont prezenti. Dan kollu kien taf bih is-segretrja u qatt ma zammejtha milli titkellem jew tirraporta lill xi kunsillier. Ma kienx jinxteghel id-dawl ta' barra izda t-tubi li jinsabu fl-istess dressing rooms. Gie rrapurtat ukoll

li nstabu xi platti u frieket u dan ghaliex gimgha qabel irrizzenjajt il-kunsill organizzajna ikla ta' Jum l-Omm u dawk huma propjeta ta' l-Ghaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata li kienet tislef lill kunsill kull oggett li li kien ikun hemm bzonn.

Dwar il-kwistjoni tal-kuntrattur Jimmy Vella, nixtieq nghid li qatt ma tlabtu biex jaghtini kontijiet f' idi u ma jibghathomx il-kunsill. Li ghedtlu biss kien biex ma jidholx fl-ufficini tal-kunsill ghax is-segretarja kienet qalet li l-ahhar li kien attenda kien beda jaqla hafna argumenti u ma xtaqitx li jattendi jekk mhux meta nibaghtu ghalih ahna. Waqt li dwar ir-romblu li konna gibna minghand l-istess Jimmy Vella (Vella Group), dan dejjem qalilna li se jaghtilhuna b'xejn u qatt ma ntqal li konna se nhallsu tad-diesel u tax-xufier. Inzid ukoll li meta kont nghid fi-kunsill dwar it-tarmac kont kull darba nigi kritikat ghax mhux nuza' tajjeb ir-rizorsi tal-kunsill ghax ghandna il-makkinarju u l-haddiema biex ma jaghmlux xogholhom ma juzawhx waqt li taht din l-amministrazzjoni ghad hemm l-istess makkinarju u xorta ghadu jinghata t-tarmak bil-pala u jghaddu minn fuqu bil-vann.

Dwar il-cameras fuq l-iskips ta' hdejn l-iskola; li se jsiru skips hdejn l-iskola kont irrapurtajt lill kunsill tant li l-Vici Sindku ta'dak iz-zmien kien qalli li jekk se jsiru fil-parkegg ma kienx jaqbel ghax kienu harquhom u jien ghedtlu li se jsiru fuq gewwa fejn il-bieb tal-kamra taz-zfin Look Star Dancers ta' l-Ghaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata b'solveljanza ta' cameras li se nixghelu mill-istess kamra taz-zfin u li tkun taghti minn fuq il-kamra ghal fuq l-iskips. Malli inqalghet il-camera dawn gew mizbla u wara li ntbaghtet ittra mill-kunsill li l-iskips se jitnehhew u kulhadd ghandu jzomm il-borza wara l-bieb residenzjali tieghu. S' issa l-iskips ghadhom jinsabu hemm anzi biex inkun preciz hargu fejn kienu nhraqu u jien gejt irrapurtat lill-Awtoritajiet li kont qieghed inaddaf postijiet privati, imma issa dawn jinsabu bil-hmieg maghhom fuq art privata.

Waqt il-laqghat tal-kunsill kont ukoll nigi kritikat kull xahar dwar il-haddiema assenjati mall-kunsill li mhux sewwa li dawn qeghdin jikinsu l-gonnau li konna qeghdin niksru l-kuntratt u t-tender ghas-semplici raguni li biex inaddaf il-gonna hemm il-kuntarttur ELC. Dawn l-ahhar sitt xhur sar kollox tajjeb ghax l-istess haddiema assenjati maghna qed jaghmlu dan l-istess xoghol.

Qabel nghalaq irrid naghti il-verzjoni tieghei dwar il-kwistjoni tal-haddiema klerikali Bella Formosa. Dan gara li minn xi xahar qabel bdiet din il-kwistjoni, is-Sinjorina Antonella Galea kient qaltli waqt li konna qeghdin nitkellmu fuq ix-xoghol u l-hidma tal-kunsill li haqna naghtu xi kumpens forma ta' bonus lill Bella tal-hidma li wettqet ghax-xhur ta'xoghol wahidha fuq barra Customer Care. (liema xoghol gieli ghamilt jien sakemm giet Antoella meta din kienet ma tiflahx jew xi darba tkun fuq vacation leave u jien irrispondejtha aktar il-quddiem li nitkellmu waqt laqgha tal-kunsill. Gara l-kaz li ftit xhur wara Ramon gibdilna l-attenzjoni dwar xi zball fil-paga: zball li ghamlet Antonella Galea. Li kif qalet hi la ndunat bih hi u l-anqas Bella Formosa – zball ta'elf ewro. Waqt din l-istess laqgha Antonella u Ramon qalulna bl-izball. Antonella tablet lill Ramon jistghax jghid jekk jigi mistoqsi biex jilghaba li ma jafx bihom li ma ndunax bihom u niftakar lill Ramon jghajjat jirrabja ma' Antonella li din

tbikkmet u qatt ma rajt lill Ramon jinkorla daqsekk sa regghet qaltu "u ejja Ramon l-Audits mhux li taghtihom int jaghtuk" u Ramon kompla jirrabja ma' Antonella waqt li jien tennejt aktar minn darba biex troddhom lura kmieni u tlabtu jaghtini parir u dan tennieli kemm il-nitlobhomlha lura. Dak inhar kif dhalt lura wara nofs inhar sibt lill Antonella u lis-segretarju jitkellmu dwar dan il-kaz fejn jien shaqt li rrdihom il-flus imhallsa zejda izda niftakar li Antonella kienet qaltli dawn il-precizi kelmiet "Stenna ftit Jo, il-parir tieghi hu:...... wara li hdimna ergghajna is-somma kemm ma' Ramon u wara li hadimha ir-ragel ta' Bella dawn ma kienux elf imma xi tminn mitt ewro biex ma nidhrux koroh ma' Bella wara li ghamlet dawn ix-xhur wahedha nghidulha biex ghalissa ma thallas xejn u nitolbuhomlha ma' l-audits ghax zgur mija fil-mija la jaf bihom Ramon zgur se johorgu u hekk ma nidhrux li tlabnihomlha ahna imma li jekk jidhru fl-audits trid taghtihomlna lura". Fuq dan il-parir jien kont qbilt ghax kont cert li kienu se jigu lura. Jien QATT ma ridt li dawn ma ndahhluhomx lura u sejjahna lill Bella fl-ufficju kellimniha, kulhadd jghid u jtenni l-istess diskors li ghalissa thallihom pero kif se jidhru fl-audits trid taghtihom lura kollha ghax dawk huma flus il-kunsill u jekk ma jidhrux thallihom. Nerga ntenni li jien kont cert li se jidhru fl-audits ghax accertawni li la jaf bihom Ramon zgur iridu jidhlu lura.

Nibghat nirringrazzjakhom ta'l-attenzjoni u nixtieqilkom kull risq ghas-sena l-gdida 2016 u iktar hidma b'risq il-kommunita u l-poplu Tarxiniz.

Kunsill Lokall Tarxien
Segretarju Ezekuttiv

**Joseph Abela.**